**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**------------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA16.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' Lulju 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Skema Attivitajiet Sportivi 2012 – *Shallow Dives*.
4. Proġett UIF – Tisbiħ ta' Triq il-Kantra.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA15.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-proġett ta' Eco-Gozo fix-Xlendi għadu qed jitkompla u fil-ġranet li ġejjin ser jibda jitwaħħal ir-*railing*.

2.02 Il-Fanali, Bankijiet u *Litter Bins* li ġew ordnati ser jaslu qabel nofs Awwissu u l-Kumitat irid jiddeċiedi fejn ser jitwaħħlu.

2.03 Il-Perit ippreżenta żewġ *options* ta' kif ser isir ir-*railing* ta' Triq il-Kantra. L-aktar disinn li ntgħoġob huwa dak *option* 1 iżda jrid ikun mingħajr ponot. Għadu jrid jiġi deċiż dwar kemm ser ikunu mbegħdin il-fanali li ser isiru fi Triq il-Kantra u wara tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti.

2.04 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva li x-xogħlijiet fil-passaġġ tax-Xtajta jinbdew f' Ottubru 2012 u l-irċevuti jiġu ppreżentati qabel l-aħħar tas-sena. Dawn ix-xogħlijiet ser ikunu ffinanzjati mill-Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet Tagħhom. Il-Perit ser jikkonsulta mal-MEPA sabiex jara hemmx bżonn DNO għal dawn ix-xogħlijiet.

2.05 Parti mill-*Fairy Lights* twaħħlu u nxtelgħu. Xi ġranet ilu xi persuni vvandalizzaw parti minn dawn il-*Fairy Lights* u sar rapport lill-Pulizija sabiex tkun tista' ssir *claim* lill-*Insurance*.

**3.00 Skema Attivitajiet Sportivi 2012 – *Shallow Dives*.**

3.01 Il-Kumitat kien applika għall-iskema Attivitajiet Sportivi 2012. Kien applika sabiex isiru *Shallow Dives* fix-Xlendi u jsir il-*Water Fun Park*. Ġie deċiż li x-*Shallow Dives* isiru bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2012, ikunu mingħajr ħlas u miftuħa għar-residenti tax-Xlendi u l-Munxar biss.
Il-*Water Fun Park* ser isir fis-16 ta' Settembru 2012. L-ispiża ser titħallas nofs il-Kumitat Amministrattiv u nofs il-Kunsill Lokali ta' Fontana.
Ser jinħarġu l-avviżi dwar dawn l-attivitajiet fl-aħħar ġimgħa t' Awwissu 2012.

**4.00 Proġett UIF – Tisbiħ ta' Triq il-Kantra.**

4.01 Il-Kumitat kien diġa' ffirma l-ftehim mal-MEPA u dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu lesti sa l-aħħar tas-sena. Il-Perit qed jaħdem fuq il-*Bill of Quantities* sabiex din it-*Tender* toħroġ minnufih.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kumitat irċieva ilment mingħand is-Sid ta' Buddy's Coffee Bar fi Triq Sant' Indrija, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li tfal qed jilagħbu bil-ballun quddiem l-istabbiliment tiegħu u qed jolqtu l-imwejjed u l-klijenti tiegħu. Huwa ġie informat li jrid jagħmel rapport lill-Pulizija dritt wara li jiġri l-inċident.

5.02 Il-Kumitat ġie mgħarraf li l-Ministru l-Onor. Dr. Chris Said ser jagħmel *site inspection* fuq ix-xogħlijiet li ġew iffinanzjati mill-EU. Din is-*site inspection* ser issir il-Ħamis, 16 t' Awwissu 2012 fl-10 ta' filgħodu u ser iżur il-passaġġ li jagħti għall-Kantra, fix-Xlendi.

5.03 Il-Kumitat irċieva risposta mingħand Transport Malta dwar it-talba li saret sabiex *single yellow line* fi Triq il-Qsajjem jitneħħa. Transport Malta qed jaqblu dwar din it-talba. Rigward it-talba tal-Kumitat sabiex parti minn Triq ir-Rabat issir 'No Entry except for Residents and Boat Owners mis-19:00 sal-23:00 Lulju sa Settembru', Transport Malta qed titlob konferma li l-Kumitat ikkonsulta u laħaq ftehim mar-residenti u entitajiet kummerċjali u terzi persuni li ser jiġu affettwati. B' hekk Transport Malta tkun f' pożizzjoni li tkompli tipproċessa din it-talba.
Il-Kumitat huwa tal-fehma li traffiku li jkun ġej mir-Rabat għax-Xlendi ma jkunx jista' jgħaddi minn din it-triq iżda traffiku li jkun fil-*Parking* u jrid joħroġ għar-Rabat, ikun jista' jgħaddi.

5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed ikun riferut ir-rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2010. Id-Dipartiment qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill fuq l-osservazzjonijiet li għamel l-Awditur Ġenerali. Fl-erba' kummenti, tlieta kienu dwar *accounting* filwaqt li r-raba' kumment kien dwar il-voti tar-Repair and Upkeep u Hospitality and Community Services minħabba li l-*Budget* ġie maqbuż.

5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima sabiex isiru 4 bnadar 1m37cm x 87cm sabiex jitwaħħlu ma' arbli fix-Xlendi. Il-bnadar huma ta' Malta, Ewropa, Il-Munxar u Ix-Xlendi. L-istima hija ta' €206.50 VAT inkluż. Kien hemm qbil li dawn jiġu ordnati.

5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex idendlu l-*Fairy Lights* fix-Xlendi. Din l-istima tammonta għal €550 VAT Inkluż. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jiġi ordnat.

5.07 Iċ-*Chairperson* kiteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali rigward it-talba għal kjarifika – Ratifiki fil-liġi tal-Kunsilli b' mod partikulari għall-kiri ta' *Kiosk* fix-Xlendi. Id-Direttur irrisponda li l-Kumitat jista' jmexxi u jekk hemm xi ħaġa kontra r-regolamenti finanzjarja s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lid-Dipartiment. Mill-*e-mail* li rċieva 'prima facie' ma jirriżulta li hemm xejn kontra l-liġi. Qed jissuġġerrixxi li f' sitwazzjonijiet bħal dawn il-Kumitat jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Imma biex jiġi evitat aktar burokrazija u nkomplu ntawwlu bla bżonn għad-detriment tal-pubbliku in ġenerali, qed jgħidilna biex immexxu.

**6.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

6.01 Is-Sur Michele Fenech Adami ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fi Triq ir-Rabat quddiem il-proprjeta' tiegħu hemm bozza maħruqa u toqba sabiex tissewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota ta' dan.

6.02 Is-Sur Vincent Borg ilmenta li fi Triq il-Puniċi qed ikun hemm problema ta' *parking* u r-residenti ta' din it-triq m'humiex ikunu jistgħu jipparkjaw f' din it-triq. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiżdiedu xi *parking* fil-post fejn hemm riservat sabiex il-vettura li tiġbor iż-żibel tkun tista' ddawwar u ma jkunux jistgħu jipparkjaw bejn it-8 ta' filgħodu u l-10 ta' filgħodu biss.
Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li diversi sidien ta' stabbilimenti tax-Xlendi avviċinawh sabiex il-Kumitat jagħtihom permess temporanju biex iżidu l-imwejjed. Din il-proċedura ssir ukoll fl-lokalitajiet oħra fejn is-sidien japplikaw għal 16-il ġurnata infila u jneħħu dawn l-imwejjed għal 7 ijiem u jkunu jistgħu jerġgħu japplikaw għal 16-il ġurnata oħra.
Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jara eżattament kif inhi l-proċedura.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***